MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

**Press Release /** 30 ta' Novembru 2016

# *#Webcheck* għall-Kunsilli Lokali

Iż-żieda fl-użu tat-teknoloġija moderna flimkien mal-applikazzjonijiet li ġġib magħha, wasslu għal tibdiliet kbar f'numru ta' organizzazzjonijiet u entitajiet tal-Gvern.

It-teknoloġija moderna mhux biss wasslet għal iktar effiċenza fl-attività tal-operat ta' dawn l-entitatjiet, iżda wasslet ukoll għal iktar opportunitajiet u biddlet il-mod ta' kif l-organizzazzjonijiet jikkomunikaw mal-pubbliku ġenerali. Min-natura tagħhom, il-Kunsilli Lokali għandhom livell għoli ta' komunikazzjoni mal-membri tal-komunità, u għalhekk, tajjeb li jkollhom l-għodda diġitali meħtieġa sabiex ikunu attivi u preżenti fuq il-pjattaformi tal-medja soċjali sabiex titjieb il-kwalità tal-komunikazzjoni ta' bejniethom.Fuq din in-nota, l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA) b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali (DLG) niedu proġett bl-isem #*Webcheck (for Local Councils*) bl-għan li jipprovdu l-għodod neċessarji, it-taħriġ, u sett ta' linji gwida fuq l-użu tal-medja soċjali. Dawn is-seminars isegwu d-direttiva mħarrġa mid-DLG fuq il-preżenza u l-imġiba tal-Kunsilli Lokali onlajn. Din id-direttiva tippromwovi l-benefiċċji tal-użu tal-medja soċjali waqt li tisħaq is-sett ta' prinċipji bħala gwida għall-użu addattat fis-Servizz Pubbliku.

L-Onorevoli Dott. M. Mallia, Ministru għall-Kompetittività u Ekonomija Diġitali, Marittima u Servizzi, saħaq fuq l-importanza tal-użu tal-medja soċjali sabiex is-Servizz Pubbliku u l-Pubbliku Ġenerali jsiru iktar midħla ta' xulxin, speċjalment illum li l-użu tat-teknoloġija tal-mowbajl infirex bil-bosta.

"Illum il-ġurnata l-attività onlajn hija aċċessibbli immens. Jeħtieġ li l-organizzazzjonijiet kemm privati kif ukoll pubbliċi jistabilixxu livell ta' komunikazzjoni sod u kostanti mal-komunitajiet rispettivi tagħhom." qal il-Ministru Dott. Mallia.

"Il-Kunsilli Lokali għandhom il-vokazzjoni li jaqdu lil membri tal-komunitajiet tagħhom billi jżommuhom aġġornati b'dak li jkun se jseħħ fil-lokalità. Din hi parti essenzjali mill-istrateġija tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali biex il-Kunsilli Lokali jibnu "Komunitajiet b'Saħħithom". Fid-dinja diġitali tal-lum il-medja soċjali tagħmel din il-komunikazzjoni possibbli. Infatti, hemm madwar 80% tal-Kunsilli Lokali li qegħdin jingħaqdu mal-komunità tagħhom permezz ta' Facebook, u nimmiraw li kull Kunsill ikollu dan il-mezz ta' kommunikazzjoni fi żmien tliet xhur mil-lum B'dan l-iżvilupp, il-komunitajiet se jgawdu assistenza u informazzjoni aħjar," qal is-Segretarju Parlamentari Dott. Stefan Buontempo.

L-objettivi ta' Malta dwar l-Informatika huma ggwidati mill-istrateġija tal-inizjattivi tal-Ewropa tal-2020 u mill-Istrateġija Diġitali ta' Malta (Digital Malta). Din l-Istrateġija tirrifletti l-viżjoni tal-Gvern li sal-2020, Malta tirnexxi bħala nazzjon diġitali f'kull settur tas-soċjetà, speċjalment illum li t-teknoloġija saret essenzjalissima sabiex jintlaħaq ċertu livell ta' effiċjenza u sabiex titnaqqas il-burokrazija.

For further information, you are kindly requested to contact:
Sharon Scerri, Coordinator: Media Relations & Online Communications, Malta Communications Authority
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Email: sharon.scerri@mca.org.mt
Malta Communications Authority, Valletta Waterfront, Pinto Wharf, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840